MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Rikors Numru. 1182/2008

Stephen Mifsud fil-kwalita` tieghu ta' Direttur, ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` LegnoPiu` Limited
vs
1. Carpa Limited; u
2. Paul Fenech, u
Maria Dolores Fenech mart l-istess Paul Fenech ghal kull interess li jista' jkollha

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Stephen Mifsud fil-kwalita` ta' Direttur, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` LegnoPiu` Limited li bih espona:

1. Illi b'sentenza tat-3 ta' Gunju 1997 moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi, Citazzjoni Numru 415/1997GC, is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditur ta' l-intimati "in solidum" bejniethom fis-somma komplessiva ta' €15,274.07 (Lm6,557.16): in kwantu ghal €14,325.65 (Lm6,150) bhala sorte; u in kwantu ghal

€948.43 (Lm407.16) bhala spejjez gudizzjarji skond taxxa annessa mar-rikors u immarkata Dok “A”; apparti l-imghaxijiet legali li qed jigu kalkolati mid-data ta’ l-imsemmija sentenza (Dok B);

2. Illi r-rikorrent nomine ghadu kreditur ta’ l-intimat fis-somma ta’ €20,330.10 (Lm8,727.71) kif jidher mir-rendikont anness mar-rikors u immarkat Dok “C”;

3. Illi billi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mill-precitata sentenza hemm bzonn li, skond id-dispost ta’ l-Artikolu 258(a) tal-Kap 12, l-istess sentenza tigi reza ezegwibbli mill-gdid;

Ghaldaqstant ir-rikorrent nomine talab li l-Qorti joghgobha tordna l-ezekuzzjoni mill-gdid ta’ l-imsemmija sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta’ Gunju 1997 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi, ic-Citazzjoni numru 415/1997GC, ghall-amomnt bilancjali ta’ €20,330.10 u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors kontra l-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimati debitament notifikati ghas-seduta tal-lum ma dehrux ghalkemm mghajtin tliet darbiet, ghalkemm dehret Dr. Maria Azzopardi ghall-intimati.

Rat il-verbal odjern ta’ Dr. Henry Antoncich ghar-rikorrent li bih iddikjara li mhux ser issir ezekuzzjoni qabel ma jghaddi xahar mil-lum jekk tinghata s-sentenza.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha fis-sens qed tordna l-ezekuzzjoni mill-gdid

ta’ l-imsemmija sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta’ Gunju 1997 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi, Citazzjoni numru 415/1997GC, ghall-amomnt bilancjali ta’ €20,330.10 u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv pagament, b’dan li ma tistax issir ebda ezekuzzjoni qabel ma jghaddi xahar mil-lum.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------